400 sena ilu biex turi kif kellhom jimxu n-nazzjonijiet ħalli jeħilsu mill-jasar li kien qiegħed jheddidhom. Jekk dan nixtequh u rriduh jiġri, fuq il-passi ta' min għandna nimxu, jekk mhux fuq dawk ta' missirijietna li għaxu u mietu ta' rġiel Insara?

Għalhekk, qabel ma ntemm dawn l-erba' kelmiet, ħalluni fuq izzuntier ta' dan it-tempju manjifiku, li minkejja l-ħsarat kbar li ġarrab minn id il-għadu, reġa' tela' aktar sabiħ minn qabel, u quddiem din l-istatwa, figura ta' Malta trijonfanti, li f'riġlejha intom għadkom kif qegħidtu l-kliel tar-rand bħala għelm ta' qima lill-qalbenin Maltin, iva, ħalluni nerġa' nsellem, f'isimkom u f'ismi, lill-eroj kollha li għamlu sehemhom biex Malta tibqa' Maltija, u nitlob lil Sidtna Marija Bambina tidħol għalina ma' Binha Ġesù ħalli bħalma żammna dejjem, jibqa' jżommna fidili lejn id-Dawl tas-Sewwa.

VIVA MALTA NISRANIJA U ĦIELSA!

---

## EPITHALAMION

*Ta'* Ġużè' Abela

Fi żwieġ ohti CARRIE ma' ĠUŻI GALEA
fil-Knisja ta' San Ġużepp, West Brunswick.

Oħorġu lkoll, ja żgħażagħ,
Bil-libsa bajdanija,
Bil-faxxa ħamranija,
U iżfnu lkoll flimkien.

Il-lum sejrin jintrabtu
Żewġ qlub mill-Art Maltija
F'għaqda sħiħa u qawwija
Li ma jħollhiex iż-żmien.

Ejjew, tfajliet żinżilli,
U x'ħin tiżfnu ferħana
Mill-kannestri kotrana
Ferrxu ward u pepprin.

Għax Kristu l-lum se jseddaq
U jbierek din il-ġrajja
Biex tibqa' dejjem ħajja
F'daż-żewġt iqlub Maltin.



## L-HENA BISS FIL-POEŻIJA

*Ta'* Ġużè' Cardona

Lill-Poeta A... wara li smajtu jikkommenta fuq xi poeżija tiegħu.

Tfajla rżina
X'int tistenna
Fl-isbaħ żmien tal-poeżija?
Jekk jien qrajt xewqatek sewwa
Qiegħda tnin
B'xenqiet moħbija;
Qiegħda tgħix mitlufa f'ħolma
Kollha bews, ħlewwiet il-ġenna,
Fejn in-niket qatt ma jirfes...
Kollox tieba... kollox benna...
Oh kemm għad iddum tistenna
Din is-saltna bla tithenna...
Ibqa' ittama,
Tfajla ħelwa,
Fiż-żmien sbejjaħ taż-żgħożija...
Iżda meta tikber bħali
U ssib baħħ fuq l-art madwarek:
Jinsewk ħbiebek,
Jidbiel ġmielek
L-ilwien igħibu minn ta' nwarek
U bil-lift jittektek xagħrek!
Meta fl-aħħar taqta' jiesek;
Ħajt il-kenn ma ssibx minn niesek...
Tiddisprax u tfarrakx rasek...
Ħaddem rasek,
Mara għaqlija,
Mhux tard wisq jekk tieħu għalija...
Int qist l-hena barranija,
Jien tgħallimt l'hi ġewwinija,
Tfawwar biss mill-poeżija!